

Brussell, 21 ta' Meju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0197(COD)

8853/21
ADD 1

CODEC 711
CADREFIN 247
COH 5

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Il-proċedura għall-adozzjoni tar-regolamenti dwar il-Politika ta' Koeżjoni laqgħet pass importanti ieħor. L-Ungerija tqis li huwa meħtieġ li ttenni d-dikjarazzjoni preċedenti tagħha rigward ir-rappreżentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-ġeneru f'dawn ir-regolamenti.

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali tagħha f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fuq livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal sess, skont l-Artikoli 8, 10, 19 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk l-Ungerija hija konvinta li l-kontenut tal-ġeneru mhuwiex adatt biex jiġi definit f'dawn id-dokumenti leġiżlattivi.

Skont dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għal "ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa" fir-Regolamenti. Fir-rigward tat-tqassim tad-data, l-Ungerija temmen li l-ewwel linja tal-Anness I u l-Anness II tar-Regolament FSE + (kif ukoll in-nota 27 f'qiegħ il-paġna fl-Anness III tar-Regolament dwar il-JTF) għandha tiġi applikata u tirreferi għat-terminu "ġeneru" u l-parentesi fl-intier tagħha u mhux biss waħda mis-subkategoriji elenkati hemmhekk.

Filwaqt li jittieħed kont tal-fatt li d-determinazzjoni tal-kontenut tat-terminu "ġeneru" taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, il-premessi, l-artikoli, l-annessi u n-noti f'qiegħ il-paġna rilevanti għandhom jinftiehem bħala li jirreferu għat-terminu ġeneru interpretat f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali.

Dikjarazzjoni mill-Polonja

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fuq livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferi għal ġeneru l-Polonja ser tinterpreta bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, skont l-Artikolu 8 TFUE.